MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 32/K7/2015 |
| Data: | It-Tnejn 6 ta' Lulju 2015 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | Chairman KAS | Matthew Mangion |
| | Skuzzat | Dr Alex Sciberras |
| | Agent Segretarju Ezekuttiv: | Sur Arthur Perici |

<u>AGENDA</u>

1.Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 31/K7/2015
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqghat li saru
7. Affarijiet ohra jekk urgenti
8. Aggornament

**Seduta Numru 32/15**

1575 Is-Sindku fethet il-laqgha b'talba lil San Guzepp.

1. Approvazzjoni tal-Minuti 31/K7/2015

1576 Seduta 31 – is-Sur Maurice Agius qal li kien ressaq mistoqsija dwar il-kuntratt tal-berga. Is-Sindku qalet li l-kuntratt huwa wiehed standard u ser taghti kopja tieghu.

1577 Il-Minuti tas-Seduta 31 gew approvati.

2. Materji mil-Minuti

1578 Materja 1535 – Is-Sindku qalet li saret emenda fid-data tal-iskema ghas-sena 2009. Is-Sindku ressqet din il-mozzjoni waqt laqgha tal-kabinett li saret fir-Regjun Centru

1579 Materja 1538 – Is-Sur Maurice Agius staqsa kif bqajna fuq din il-materja. Is-Sindku qalet ircevejna l-pjanta u x-xoghol ser jibda wara l-festa. Anke l-kwistjoni taz-zebra crossing telghet kabinett. Is-Sur Agius talab li ghalissa tinghalaq b'xi haga provisorja. Is-Sur Charles Selvaggi qal li fir-rigward taz-zebra crossing fil-kantuniera iridu nwasslu messagg li qeghda contra l-ligi. Is-Sur Maurice Agius li l-lights meta tkun l-ewwel karozza ma tarax li qaleb. Kemm isir extensión ftit aktar qabel .

1580 Matrerja 1540 – Is-Sur Charles Selvaggi staqsa f'hiex wasal f'dan.
Is-Sindku qalet li qed nistennew mil-perit tal-kunsill biex jibda x-xoghol.

1581 Materja 1542 – Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fuq l-izviluppi dwar din Il-materja.
Is-Sindku qalet li l-istqarrija harget u qeghda f'livell ta' kabinett.

1582 Materja 1544 – Is-Sur Maurice Agius qal li xorta sari l-hruq tan-nar miz-zona u kien hemm il-problemi. Is-Sindku qalet li ser tintbaghat il-korrispondenza kollha fuq dan il-kaz lill-pulizija. Il-Kunsill qabel li nibghatu kollox lill-Kummissarju tal-Pulizija.

1583 Materja 1548 – Is-Sur Maurice Agius staqsa liema xoghol huwa lest. Is-Sindku qalet li x-xoghol kien fuq il-mera.

1584 Materja 1551 – Is-Sindku qalet li l-informazzjoni waslet u l-Kunsillier Matthew Agius ser jiddiskuti fid-dettal fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

1585 Materja 1558 – Is-Sur Maurice Agius qal li bl-istreet furniture li twahlet xorta ma tistax tara. Is-Sindku qalet li tkellmet ma' minn hu responsabbli u inqalghu 2. Anke l-billboards tnehhew.

1586 Materja 1549 – Is-Sur Matthew Agius qal li tkellem mal-MCAST u ETC u ser jibghatilhom email .

1587 Materja 1567 – Is-Sindku qalet li bdejna l-attivitajiet ta' Jum l-Imsida u tapprezza li l-Kunsilliera jattendu ghal dawn l-attivitajiet.

1588 Materja 1568 – Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar kif bqajna fuq din il-materja. Is-Sindku qalet li l-kors beda s-Sibt u attendew 3 Misidjani. Ghall-Misidjani il-kors ser ikun b'xejn.

1589 Materja 1571/1572 – Is-Sur Maurice Agius u s-Sur Charles Selvaggi staqsew dwar l-izviluppi ta' dawn iz-zewg materji. Is-Sur Emanuel Brincat qal li qed jahdem fuqhom.

1590 Materja 1574 - Is-Sur Charles Selvaggi staqsi fuq zviluppi dwar dan ix-xoghol. Is-Sur Emanuel Brincat qal li qed nitkellmu fuq l-area fejn il-funtana. Is-Sur Selvaggi talab li nikkonsidraw xi outdoor gym equipment.

3. Korrispondenza

1591 Talba minn Msida FC biex kull nhar ta' Erbgha sa' l-ahhar ta' Settembru jorganizzaw Tombla, sakemm ma jkunx hemm xi attivita' ohra. Is-Sur Abela Wadge hareg barra mil-laqgha matul din id-diskussjoni.
Is-Sur Lino Bartolo qal li jhoss li taf tkun problema li ser nibdew naghlqu t-toroq. Jistghu juzaw il-Gnien.
Is-Sinjura Romina Galea qalet li kull nhar ta' Erbgha ser nonholqu inkonvenjent fil-Gnien. Jekk jinghata l-peress quddiem il-kazin ghandhom jirrispettaw il-hin.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li ghandna naghmlu numru ta' kundizjonijiet fejn ninkludu hin tat-tombla, li jithalla passagg ghan-nies u wara l-attivita jsir it-tindif mehtieg.
Is-Sindku qalet li jinghata permess ghaz-zamma ta' Tombla biss.
Wara d-diskussjoni l-Kunsill qabel li jinghata permess bi prova bil-kundizzjoni li jingiebu l-permessi tal-pulizija, lands u gaming authority.

1592 41/0696/15 – Talba dwar Garaxx fi Triq il-Bacir ghall-Karozzin. Il-Kunsill qabel li dan huwa store u wiehed ghandu jirreferi ghall-proceduri ta' TM.

1593 41/0699/15 – Talba ghall-hsarat fuq vettura. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba negligenza .

1594 41/0701/15 - Talba ghall-hsarat fuq vettura. Il-Kunsill talab li jittiehed parir legali.

1595 41/0772/15 – Talba ghall un/loading. Habba problema ta' parkegg il-Kunsill ma laqax din it-talba.

1596 41/0794/15 – Talba ghall-sleeping policeman fi Triq Antonio Bosio. Il-Kunsill laqa din it-talba

1597 41/0719/15 – Talba ghall-Traffic Calmers fi Triq Garcin. Il-Kunsill ser jiddiskuti ma' TM.

1598 41/0779/15 – Proposta ta' bike sharing. Il-Kunsill qabel li tinzamm laqgha dwar din il-proposta.

1599 41/0780/15 – Proposta Triq il-Wied minn TM.

1600 41/0745/15 – Press reléase Resident Parking – Is-Sindku qalet li ressaqniha Kabinett u qed jahdmu fuq pjan holistiku. Wara xahrejn ghandna naraw f'hiex waslet.

1601 Is-Sur Maurice Agius ipprezenta numru ta' ritratti li sab fil-letter box ta' dar tieghu.
Is-Sur Matthew Agius qal li per principju ma ghandhiex niddiskutu f'livell ta' kunsill materji anonimi.
Is-Sindku qalet li affarijiet bhal dawn jghaddu f'idejn il-pulizija. Is-Sindku ser tipprezentaw fl-ghassa tal-pulizija.

1602 41/0818/15 – Ecabs lesti jghinu fit-traffic management fil-lokalita' matul iz-zmien tal-festa. Is-Sindku gharfet lill-Kunsill li ktibnilhom li din hija kompitu tal-Pulizija.

4. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1603 Fuq proponiment tas-Sur Lino Bartolo ssekondat mis-Sinjura Romina Galea, il-Kunsill approva Eur 66,245.40 ghall-iskeda tal-hlasijiet.

5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

1604 Ghandu jsir follow up tal-laqgha li saret mal-Arkadia u tingibed l-attenzjoni tal-istess operatur dwar hmieg li qed jithalla.

6. Kommunikazzjoni minn Laqghat li saru

1605 Laqgha mal-Wasteserv fejn qed joffru ghajnuna lill-Kunsilli li ghandu áreas b'diffikulta. Ser jibghatu xi proposti.

1606 Gieh Msida – Is-Sindku qalet li dahlu 3 nominazzjonijiet – Maria Gallo, Anthony Agius u Manuel Brincat.
Ser jiltaqgha il-bord biex jevalwa dawn in-nominazzjonijiet. Membri tal Bord Matthew Dimech u Marita Portelli.

7. Affarijiet ohra jekk urgenti

1607 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar applikazzjoni l-MEPA PA 2378 Triq Innocenz Zammit c/w Triq Mikiel Anton Vasalli, fejn hemm Palazz San Frangisk u hemm nicca fejn ghandna nigbdu l-attenzzjoni biex jithares dan il-palazz u n-nicca. Ghandna niccekjaw il-pjanti wkoll.

Is-Sur Charles Selvaggi talab li jkun skuzzat ghall-kumplament tal-laqgha habba mpenji ohra. Il-Kunsill approva dan .

1608 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar wires mal-faccata tal-Kunsill, wires mghoddijin bl-addocc. Ghandu jghaddi pulit minn mac-cinta.

1609 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar Sqaq it-Twil, fejn hemm bzonn nitkellmu ma' minn qed jaqla l-pjanti kollha. Ghandna niktbu bl-avukat.

8. Aggornament

Il-Laqgha ntemmet fis-7.30pm u sar qbil li l-laqgha li jmiss isir il-Gimgha 31 ta' Lulju 2015.

Approvati llum ______________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Arthur Perici
Agent Segretarju Ezekuttiv